29 ta' Marzu, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauċi, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Franġisk Galea

**Falsa Testimonjanza — Traskrizzjoni tax-Xhieda — Prova — Art. 388 u 635 (1) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi, li fil-każijiet kollha teżiġi l-aħjar prova, ma teżiġix li, biex wieħed jinstab ħati ta' xhieda falza f'ġudizzju kriminali, jeħtieġ li x-xhieda tiegħu tkun ġiet traskritta mill-Qorti, u li tkun tirriżulta għalhekk bil-miktub. Kull ma huwa meħtieġ mill-liġi hu li l-Qorti jkollha l-provi konkludenti u konvinċenti ta' dak li l-imputat ikun xehed u tal-falsità ta' dak li jkun xehed, flimkien max-xjenza fih ta' dik il-falsità.*

*Fejn u meta hemm in-notamenti miżmumin mill-Maġistrat, l-aqwa prova tkun dawk in-notamenti; u allura dik il-prova tkun obligatorja; iżda meta ma jeżistux dawk in-notamenti, il-Qorti ma tistax tiskarta provi oħra jekk dawn iwasslu għall-konvinċiment tal-Qorti dwar l-akkuża ta' sperġur; u jekk il-Qorti tasal għal dan il-konvinċiment, għandha tiddikjara lill-imputat ħati.*

*Ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, li jmeri dak li xehed qabel taħt ġurament l-imputat, mhix biżżejjed skond il-liġi biex tikkonvinċi lill-imputat bħala ħati ta' sperġur, jekk ma tkunx korroborata b'xi ċirkustanza li tkun tiswa, biex tistabbilixxi d-delitt ta' sperġur, ma' provi oħra miġjuba skond il-liġi.*

*Ċertament hu mħolli għall-ġudizzju tal-Qorti, fil-każ partikulari li jkun, li tiddeċidi jekk tkunx tista' torbot definitivament fuq ix-xhieda għall-prova ta' dak li jkun xehed l-imputat; u huwa dejjem desiderabili li, f'każ ta' sperġur, ikun hemm in-notamenti tax-xhieda meħuda skond il-liġi u moqrija lix-xhud għall-finijiet tal-konferma; għax f'dak il-każ ikun hemm prova mill-aqwa, li diffiċilment tista' tqarraq u tħalli dubju.*

Fuq l-akkuża kontra l-imputat talli fil-Belt Valletta, fit-22 ta' Novembru 1951, fi proċeduri kriminali kontra Toni Cuschieri fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, meta kien miġjub bħala xhud tal-Pulizija kontra l-imsemmi Cuschieri, ta xhieda falza, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, fuq ir-rinviju ta' l-Attorney General, b'sentenza tat-8 ta' Frar 1952, sabet lill-imputat ħati skond l-istess akkuża, u wara li rat l-art. 103, 50, 32 tal-

Kodiċi Kriminali, u l-Government Notice 337 ta' l-1940, ikkundannat lill-imputat disa' xhur xogħol iebes;

L-imputat appella;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet sew l-Avukat ta' l-appellant kemm l-Avukat tal-Kuruna;

Mill-provi rriżulta li l-imputat kien xhud f'kawża kriminali li l-Pulizija għamlet kontra Toni Cuschieri, u xehed; iżda x-xhieda tiegħu ma ġietx traskritta mill-Qorti. Għalhekk, għall-prova ta' l-akkuża kontra l-imputat, fl-assenza tad-depożizzjoni miktuba ta' l-imputat, il-Qorti pproċediet għas-smiegħ ta' xhieda li kienu semgħu lill-imputat jixhed, u fuq ix-xhieda tagħhom sabet l-imputat ħati skond l-akkuża. L-imputat isostni li kienet tonqos l-aqwa prova, li hija d-depożizzjoni traskritta mill-Qorti, u li għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fuq provi mhux skond il-liġi;

Huwa minnu li fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 1943, il-Qorti Kriminali, in re "Rex vs. Leone Borg", f'każ ta' spergur, irriteniet illi kien hemm f'dak il-każ insuffiċjenza ta' provi, għaliex ma kienx jirriżulta sewwa x'kien qal l-akkużat fix-xhieda tiegħu fil-proċess imsemmi fl-att ta' l-akkuża, billi kienet tonqos l-aħjar prova, li hija t-traskrizzjoni, u fuq ix-xhieda l-Qorti qalet li ma tistax definitivament torbot. Iżda huwa fatt li l-liġi, li fil-każi kollha teżiġi l-aħjar prova, ma teżiġix li, biex wieħed jista' jinstab ħati ta' xhieda falza f'ġudizzju kriminali, jeħtieġ li dik ix-xhieda tkun ġiet traskritta mill-Qorti u tirriżulta għalhekk bil-miktub;

U tabilħaqq, l-art. 388 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li s-sustanza tax-xhidijiet tax-xhieda titniżżel biss meta l-Qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għal daqshekk minn waħda mill-partijiet u l-Qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba. U dana jfisser li t-traskrizzjoni hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti; tant li t-tielet inċiż ta' dak l-art. 388 jgħid li n-nuqqas ta' traskrizzjoni lanqas ma hu ta' xkiel illi, jekk ikun jeħtieġ, f'kull waqt jew f'kull grad tal-kawża, issir il-prova bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fattijiet li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet. U fil-prattika, fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati d-depożizzjonijiet tax-xhieda rarament jiġu traskritti. Kien ikun assurd li kieku n-nuqqas ta' traskrizzjonijiet tad-depożizzjonijiet iġġib l-impunità lil min ikun xe-

hed il-falz. Kull ma huwa meħtieġ mill-liġi huwa li l-Qorti jkollha l-provi konkludenti u konvinċenti ta' dak li l-imputat kien xehed u tal-falsità ta' dak li dana jkun xehed, flimkien max-xjenza fih ta' dik il-falsità;

Fejn u meta hemm in-notamenti miżmuma skond l-art. 388 (1) (b) u (2) tal-Kodiċi Kriminali, l-aqwa prova tkun in-notamenti, u din hija obbligatorja. Iżda meta dawk in-notamenti ma jeżistux, u l-prova tista' ssir soddisfaċentement bi provi oħra ta' xhieda skond il-liġi, il-Qorti ma tistax tiskarta dawk il-provi; u meta dawn il-provi jwasslu għall-konvinċiment tal-Qorti dwar l-akkuża, il-Qorti għandha ssib l-imputat ħati. U tabilħaqq, l-art. 635 (1) tal-Kodiċi Kriminali jagħmel limitazzjoni waħda biss fuq il-provi meħtieġa fil-każ ta' akkuża ta' spergur jew ġurament falz, billi jgħid li l-imputat ma jistax jiġi misjub ħati fuq ix-xhieda waħda ta' xhud wieħed biss li jmieri l-fatt li jkun xehed qabel taħt ġurament l-imputat; iżda dan l-imputat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, meta din x-xhieda tkun korroborata f'xi ċirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn prova oħra miġjuba skond il-liġi. Ċertament huwa mħolli għall-ġudizzju tal-Qorti, fil-każi partikulari li jkollha tiddeċidi, jekk tkunx tista' torbot definitivament fuq ix-xhieda għall-prova ta' dak li jkun xehed l-imputat. Fil-każ fuq imsemmi, il-Qorti Kriminali ma jidherx li enunċjat ebda prinċipju, bħal ma jsostni l-appellant, li in teżi ġenerali, fuq ix-xhieda biss il-Qorti ma tista' qatt torbot definitivament. Dan huwa konformi għat-tagħlim ta' Archbold, li anzi, a propożitu ta' l-ispergur, jgħid: "It is not necessary to produce the judge's notes, which are not the best evidence of what took place at the trial........ The notes or minutes of the Clerk of the Court are in the same position of the Judge, and of no greater authority than those of a short-hand writer or other person who took a note of the evidence" (Criminal Pleadings, Evidence and Practice, p. 1254, edit. 1949);

Huwa ċertament desiderabili dejjem li f'każi ta' spergur ikun hemm in-notamenti tax-xhidijiet meħuda skond l-art. 388 (2) tal-Kodiċi Kriminali, u moqrija lix-xhud għall-finijiet tal-konferma; għax f'dak l-każ ikun hemm prova mill-aqwa, li diffiċilment tista' tqarraq u tħalli dubju;

Fil-każ ta' l-imputat, irriżulta li l-kawża li fiha dana xehed kienet tirrigwarda l-akkuża li l-Pulizija kienet għamlet lil Toni Cuschieri li ħaddem lill-imputat għal żmien iżjed minn għaxar sigħat f'gurnata waħda, u b'kollox għal iżjed minn sittin siegħa fil-gimgħa. Mix-xhieda tal-Magistrat Dr. Vincenzo Refalo, li quddiemu saret il-kawża, jirriżulta li l-imputat allura xehed li huwa kien għadu kemm daħal ma' Cuschieri xi gurnata, vwoldiri dak in-nhar li kumbinazzjoni sabu hemm il-Labour Officer (fol. 21). James Scerri De Caro xehed li f'dik il-kawża............ Dawn it-tliet xhieda, li fuq il-kredibilità tagħhom ma hemm l-ebda raguni biex wieħed jiddubita, jaqblu, u l-Qorti tħoss li tista' torbot fuqhom definitivament. Irriżulta li fil-fatti dik id-dikjarazzjoni ta' l-imputat kienet falza. U tabilħaqq, Frangisk Grech xehed li meta l-Inspector of Labour mar fil-ħanut ta' Cuschieri, l-imputat kien ilu hemm xi erba' gimgħat (fol. 19). Anthony Cuschieri xehed li meta mar għandu l-Labour Officer, l-imputat kien ilu impjegat miegħu, i.e. ma' Cuschieri, xi ħmistax-il gurnata (fol. 23). Peress li l-fattijiet li fuqhom xehed l-imputat kienu jirrigwardaw lilu nnifsu, u għalhekk kien jaf ben tajjeb x'kienu u kif kienu, bla ma seta' jieħu żball, bil-fors li l-imputat kien jaf li kien qed jixhed il-falz meta qal li, meta mar il-Labour Officer, kienet l-ewwel gurnata li beda jaħdem fil-ħanut ta' Cuschieri;

Għall-kawża li fiha l-imputat xehed, dik id-dikjarazzjoni kienet rilevanti ħafna, u setgħet influwiet fuq l-eżitu tal-procediment. Għaldaqstant jikkonkorru fil-każ l-elementi kollha ta' l-spergur; u l-akkuża kontra l-imputat għaldaqstant tirriżulta pruvata soddisfacentement;

Għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imputat, u tikkonferma s-sentenza appellata.